# FIL-QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

**L-ONOR. IMHALLEF ANTONIO G. VELLA, LL.D**

Seduta ta' nhar l-Erbgha 29 ta' Settembru 2021

**Rikors Divorzju nru: 47/21 AGV**

**ABC**

**vs**

**Dr Benjamin Valenzia u PL Daniel Aquilina bhala kuraturi deputati ghall-assenti DEC**

**Il-Qorti**

Rat ir-rikors tal-attrici datat 3 ta' Frar elfejn, wiehed u ghoxrin fejn espona bir-rispett u ssottometta dan li gej bil-gurament:-

Illi l-partijiet izzewgu nhar is-17 ta' Ottubru tas-sena elf disa' mija u sebgha u disghin (17/10/1997) u minn dan iz-zwieg ma kien hemm ebda ulied;

Illi l-partijiet ilhom legalment separati permezz ta' sentenza ta' din l-Onorabbli Qorti datata 10 ta' Jannar 2003 (Cit Nru 898/02RCP);

Illi ma hemm l-ebda prospett ragjonevoli ghal rikonciljazzjoni bejn il-partijiet stante illi minhabba illi ilhom snin twal mifrudin, illum ghandhom hajja totalment separata minn xulxin u sahansitra ffurmaw rabtiet ma' persuni ohrajn;

Illi ma hemm l-ebda manteniment dovut minn xi parti versu l-ohra;

Illi dawn il-fatti hawn fuq imsemmija jissodisfaw il-kundizzjonijiet kollha mehtiega ghall-ksib ta' divorzju skond l-Artikolu 66B tal-Kodici Civili, Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

Ghaldaqstant, l-esponenti jitlob umilment li din l-Onorabbli Qorti joghgobha:

1. Tippronunzja l-hall taz-zwieg bejn il-partijiet;
2. Tordna li l-esponenti tiehu lura kunjom xbubitha biss u b'hekk tirriverti ghal Spiteri;
3. Tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fi zmien ragjonevoli imholli ghal daqshekk mill-istess Qorti javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bil-hall taz-zwieg tal-partijiet biex dan jigi regsitrat fir-Registru Pubbliku.

**Rat ir-risposta ta' Dr Benjamin Valenzia u PL Daniel Aquilina , datata 23 ta' Settembru 2021 , li esponew bir-rispett ;**

Illi huma ma humiex edotti mil-fatti.

Illi jitolbu li jinghataw  l-ahhar indirizz maghruf tal-assenti u fin-nuqqas jigi kkonfermati bil-gurament certu fatti/ dettalji mir-rikorrenti ;

Tigi prezentata kopja formali tas-sentenza ta' separazzjoni personali li hemm referenza ghaliha fir-rikors prumutur tramite' r-Registraur tal-Qrati Civili u tribunali;

Salv eccezzjonijiet ulterjuri permissibbli skont il-Ligi, specjalment f' kazijiet fejn hemm kuraturi deputati mhux edotti mil-fatti.

Semghet il-provi tal-partijiet.

Rat l-atti kollha.

Rat li l-kuratur irremetta ruhu ghall-provi prodotti, peress illi l-intimat ilu nieqes minn dawn il-gzejjer ghal madwar ghoxrin sena.

**DECIDE:**

Tilqa' t-talbiet attrici.

1. Tippronunzja l-hall taz-zwieg bejn il-partijiet;
2. Tordna li l-esponenti tiehu lura kunjom xbubitha biss u b'hekk tirriverti ghal Spiteri;
3. Tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fi zmien ghaxart ijiem (10) javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bil-hall taz-zwieg tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku.

In vista li l-intimat ma nstabx l-ispejjez tal-kawza ghandhom jithallsu mir-rikorrenti.

**Onor. Imhallef Anthony G. Vella** **Deputat Registratur**